# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 T' APRIL 2002

**Avviz Nru 703/01DM**

**Pierre Faure**

**Vs**

**Legend Real Estate Limited**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal- konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm1,696.55 (elf sitt mija u sitta u disghin Liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu) bhala rimunerazzjoni ghas-servizzi minnu resi a favur u fuq inkarigu tal-konvenuti matul il-perjodu mit-18 ta' Settembru 2000 sat 22 ta' Novembru 2002 kalkolata l-imsemmija somma a bazi ta' kummissjonijiet fuq bejgh ta' diversi propjetajiet, skond kif kien gie miftiehem meta s-servizzi tal-attur kienu gew ikkuntrattati mis-socjeta konvenuta bl-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv kif ukoll bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri komprizi dawk tal-ittra legali tal-5 ta' Jannar 2001, kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-attur permezz ta' liema huwa rriduca t-talba tieghu ghas-somma ta' Lm1579 (elf hames mija u disa' u sebghin lira Maltin) filwaqt li zamm ferm il-kap tal-ispejjez.

Rat ukoll in-nota ta' ammissjoni tas-socjeta konvenuta pprezentata illum stess permezz ta' liema huma ammettew it-talba tal-attur bl-ammont kif ridott.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tilqa t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' Lm1579 (elf hames mija u disa' u sebghin lira Maltin) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxjiet legali b'effett mit-30 ta' Lulju 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Magt Dr D Montebello BA LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 39